MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 893/1997/1

Victor Dimech
vs
Chairman Bank of Valletta Limited

Illum 2 ta’ Dicembru 2004.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikorsipprezentat mir-rikorrent fid-19 ta’ Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1993-1995 huwa sofra ingustizzja f’li promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa ilu jahdem mal-Bank of Valletta mill-1977. Ilu fil-grad ta’ Signatory “A” mill-1987. Huwa ghalkemm ghandu il-grad ta’ Supervisor A, kemm il-darba huwa kien assenjat biex jaghmel xoghol ta’ Manager. Huwa ghamel ukoll

erba’ snin imexxi bir-responsabilitajiet kollha il-Foreign Exchange Department ta’ Republic Street, li hija l-akbar branch tal-BOV. Irid jghid l-uniku performance award li rebah il-branch ta’ Republic Street kien f’dak il-perjodu li kien imexxi huwa. Huwa dejjem kellu rapporti tajbin kemm mill-Management kif wkoll minghand il-klijenti.

Kien hemm darbtejn fejn kien mitlub li jattendi ghall-interview. Irid jghid li l-applikanti kollha ma damux aktar minn ftit minuti quddiem il-membri tal-board ta’ l-ghazla. Ghalkemm waqt l-interview mar tajjeb, u ghalkemm ukoll dejjem kien efficjenti u tajjeb fuq xoghlu, u qatt ma kellu rapporti hziena jew ta’ negligenza xorta wahda qatt ma tawh promotion.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promotion li kien haqqu mid-data imsemmija aktar il-fuq, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000.
Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank intimat fejn wiegeb illi:

Illi primarjament jigi sottomess bir-rispett illi mhux minnu illi l-Bank ezercita` xi azzjonijiet vendikattivi fil-konfront tar-rikorrent u kwalunkwe azzjonijiet li setghu gew mehuda dejjem gew ezercitati skond l-esigenzi tal-mument u a bazi tal-ftehim kollettiv.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi b’effett mill-1 ta’ Gunju 1990 in segwitu ta’ cirkolari datata 8 ta’ Mejju 1990 kienu gew promossi xi persuni ghall-grad ta’ Manager I li ma kienux jissodisfaw ir-rekwiziti ghal tali

promozzjoni u ghaldaqstant r-rikorrent ghadu jsostni l-allegazzjoni tieghu.

Illi ghaldaqstant jigi sottomess bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent u jilqa' s-sottomissjonijiet tal-intimat stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ppruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob li jinghata l-grad ta' Manager I b'effett mill-1992 peress illi jidhirlu illi fl-ezercizzju ghall-promozzjonijiet li saru fl-1992 u 1995 thalla barra ngustament.

Ir-rikorrent xehed illi huwa dahal jahdem mal-Bank fl-1977, lahaq Signatory A b'effett mill-1987 u f'dan il-grad huwa mexxa l-Foreign Exchange Department f'Republic Street. Ghalkemm kien biss Supervisor A gie assenjat xoghol ta' Manager u dam erba' snin imexxi l-Foreign Exchange Department mill-fergha ta' Republic Street. Fiz-zmien li kien jahdem fih, id-Dipartiment inghata Performance Award. Fit-22 ta' Gunju 1992 harget sejha ghall-applikazzjoni fil-grad ta' Manager I. Ir-rikorrent jirrikonoxxi li dak iz-zmien il-post ta' Assistant Managers kienu qed jigu phased out, barra minn hekk il-gradwati kellhom jigu preferuti. Ghalhekk sar ftehim illi mill-applikanti kollha sittin fil-mija tal-promotions kellhom imorru ghal Assistant Managers filwaqt li erbghin fil-mija minghand is-Supervisors II.

L-interview sar fit-30 ta' Ottubru 1992 u r-rizultat gie publikat fis-27 ta' Jannar 1993. Ir-rikorrent ma giex maghzul pero` jilmenta illi gew maghzulin nies bhal Emily

Grech u Maurice Callus li ma kellhomx l-esperjenza u l-kwalifiki li kellu hu izda gew preferuti peress illi dik ta' l-ewwel kienet tahdem fl-ufficcju mac-Chairman waqt li l-iehor kien fl-ufficcju Personnel.

Fit-13 ta' April 1995 hargu applikazzjonijiet godda. L-interviews saru fil-15 ta' Mejju 1995 u r-rizultati gew publikati fil-15 ta' Gunju 1995. Hawn ukoll ir-rikorrent ma giex maghzul pero` Tania Micallef li ma kelliex kwalifiki u esperjenza fil-qasam bankarju pero` kienet Segretarja fl-ufficcju tac-Chairman giet maghzula. Semma wkoll il-kazijiet ta' Lawrence Gonzi, Stephen Mangion, James Marston u Raymond Pace (dan ta' l-ahhar kien migjub quddiem bord ta' dixxiplina u misjub hati, ara xhieda Charles Grech Soler fol 187) li dahlu mieghu pero` qatt ma hadmu fi branka maggura u ma kellhomx kwalifiki aktar minnu. Semma li huwa rapprezentant tal-GWU, kaxxier tal-kazin tal-MLP fil-Hamrun u delegat fil-Konferenza Generali. Jallega li huwa dhalla lura minhabba l-orjentament politiku tieghu.

Ir-rikorrent gab bhala xhieda lil Joe Esposito li kien Senior Manager u Direttur Haddiem ghal erba' snin fejn jghid li l-appraisal reports illi saru a fol 34 et sequitur saru minnu u li huma kollha pozittivi. Wara l-promotion ta' l-1995 jaf li r-rikorrent bhala salesman tajjeb b'relazzjonijiet inter personali tajbin ukoll.

Maryanne Micallef a fol 36 tghid li hija Manager B u r-rikorrent kien Foreign Cash Custodian. Fi zmienha kienet tafu bhala bniedem li jaghmel xoghlu sew, kien jghin fl-Administration u fil-Performance Award giet moghtija fil-branka li kien imexxi hu. Terga u tghid kien responsabbli min din il-branka f'Republic Street illi hija l-iktar branka prestigjuza tal-Bank of Valletta. Tirrileva li x-xoghol tar-rikorrent kien komplikat minhabba l-levies u r-regolamenti ta' l-exchange control li kienu rigidi hafna dak iz-zmien. A fol 60 hemm ix-xhieda ta' Alfred Pace fejn ta' breakdown tal-marki li jinsabu a fol 62 minn fejn jirrizulta li r-rikorrent Victor Dimech inghata marki verament baxxi kemm ghall-applikazzjonijiet illi saru fl-1992 u dawk ghall-1995.

Ikkunsidra

Meta t-Tribunal gie biex jaghti l-valutazzjoni tieghu dwar dan il-kaz kellu l-konfort ta’ decizjoni moghtija f’meritu simili hafna, dak illi Mario Gambin ghamel kontra Chairman Bank of Valletta u wkoll deciz illum. It-Tribunal jinnota li hafna mill-argumenti maghmula fil-kawza ta’ Gambin japplikaw ukoll ghal dan il-kaz, it-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi saret preferenza mill-Bord ta’ l-ghazla favur nies li kienu jahdmu direttament fl-ufficcju tac-Chairman jew personnel, fejn dawn gew moghtija marki gholjin ghal dawk li huma merit, aptitude u esperjenza haga illi zgur ir-rikorrent kellu jeccella mehud in konsiderazzjoni r-responsabiltajiet li huwa kellu u l-mod kif wettaqhom. Ma kinitx xi haga frivola illi l-unika award li rebhet dak iz-zmien il-branka tal-Bank of Valletta inghatat propju fid-Dipartiment li kien imexxi r-rikorrent. Dan milli jidher ma kienx bizzejjed sabiex ixaqleb il-mizien favur ir-rikorrent meta ghamel l-applikazzjonijiet tieghu ghal grad ta’ Manager I fl-1992 u 1995. It-Tribunal wisq jissuspetta illi l-orjentament politiku tieghu seta’ kellu xi piz li jxaqleb il-mizien kontra tieghu.

Saret referenza ghad-decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal f’rikors numru 992/97 Manuel Rizzo vs Chairman Bank of Valletta deciza fit-28 ta’ Jannar 2004 fejn it-Tribunal diversament presedut ukoll wasal ghall-istess konkluzzjoni fejn qal li l-kriterji ghall-ghoti ta’ punti kien wiehed ingust u sfavurixxa r-rikorrent bi pregudizzji ghalih. F’dik il-kawza t-Tribunal irrakomanda procedura li kellha tigi adoperata sabiex il-punti allokati ikunu anqas soggettivi u aktar jirrifletti l-verita tac-cirkostanzi. Dan it-Tribunal kif presedut jaghmel tieghu ukoll l-istess argumenti u r-rakkomandazzjonijiet kif maghmula fil-kawza Manuel Rizzo vs Chairman Bank of Valletta.

A skans ta’ repetizzjoni t-Tribunal jaghmel referenza ghaz-zewg sentenzi fuq imsemmija u ukoll f’dan il-kaz jasal ghal konkluzjoni illi mehud in konsiderazzjoni l-kontribut illi ta’ r-rikorrent, haqqu jigi trattat ahjar mill-Bord ta’ l-ghazla u moghti punti li aktar jirriflettu l-kapacitajiet u l-esperjenza tieghu, haga li sfortunatament il-bord injora ghal kollox u

ghazel biex jaghti punti baxxi bi pregudizzju ghar-rikorrent u favur terzi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jirrakomanda lill-Bank intimat sabiex jikkonfermah fi grad ta’ Manager I b’effett mill-1992, bid-differenza fil-paga sa l-effettiv hatra tieghu minghajr telf fis-seniority.  Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------